II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Novembru 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar is-sustanzi prekursuri tad-drogi u s-sustanzi li spiss jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi jew tas-sustanzi psikotropiċi**

(2009/166/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità jeħtieġ li ssaħħaħ il-kontrolli fuq il-konsenji tas-sustanzi prekursuri mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, minħabba r-riskju tal-iżvijar tagħhom għall-iskopijiet tal-manifattura illeċita ta' drogi sintetiċi fil-Komunità.

(2) Fis-27 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar is-sustanzi prekursuri tad-drogi u s-sustanzi li spiss jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi jew tas-sustanzi psikotropiċi ("il-Ftehim"). Wara n-negozjati, it-test tal-Ftehim ġie aċċettat fit-13 ta' Marzu 2008.

(3) Huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, biex tapprova emendi f'isem il-Komunità fejn il-Ftehim jipprevedi l-addozzjoni tagħhom mill-Grupp Konġunt ta' Segwitu. Madankollu, din l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-emendi għall-Annessi tal-Ftehim sakemm din l-emenda tikkonċerna sustanzi li huma diġà koperti mill-leġislazzjoni tal-Komunità fuq prekursuri tad-droga u sustanzi.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar is-sustanzi prekursuri tad-drogi u s-sustanzi li spiss jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi jew tas-sustanzi psikotropiċi huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni, assistita minn rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' Segwitu stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim.

2. Il-Kummissjoni hija awtorizzata biex tapprova, f'isem il-Komunità, emendi għall-Annessi A u B tal-Ftehim adottat mill-Grupp Konġunt ta' Segwitu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita fit-twettiq ta' dan il-kompitu permezz ta' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill u mogħti l-istuzzjonijiet biex jistabbilixxi pożizzjoni komuni.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun limitata għal dawk is-sustanzi li huma diġà koperti mill-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti dwar is-sustanzi prekursuri tad-drogi.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu il-Komunità.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12 tal-Ftehim f'isem il-Komunità ([1]).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. CHATEL

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.